# Santi tal-Preċett Maħruġa fil-Parroċċa tal-Mellieħa 1940 - 2003

**Jonathan Muscat**

Kif rajna fil-Ktejjeb tal-Festa tas-sena l-oħra, is-Santi tal-Preċett li ħarġet il-Parroċċa bejn l-1910 u l-1939 kienu kollha bit-Taljan. Mhux hekk nistgħu ngħidu għal dawk maħruġa f'dawn l-aħħar 63 sena, għax dawn ivarjaw fil-lingwa tagħhom.

## Is-Snin 1940 - 2003

Dawk is-santi maħruġa eżatt wara t-Tieni Gwerra kienu bil-Malti u dawn baqgħu hekk sa l-1975. Mill-1976 sa l-1990 daħlet il-lingwa Ngliża u mbagħad f'dawn l-aħħar 13-il sena erġajna qlibna għall-Malti.

Is-Santa ta' l-1946 kienet bla kulur u ġiet stampata hawn Malta fl-Empire Press. Kif wieħed jista' jara fil-paġna faċċata din fiha santa ħelwa li turi meta S. Tereża tal-Bambin Ġesù rċeviet l-Ewwel Tqarbina fit-8 ta' Mejju, 1884. Dawk is-santi ta' bejn l-1910 u l-1939 kienu kollha ġew stampati fl-Italja, ukoll dawk mill-1947 'l hawn u għalhekk wieħed għandu għax jaħseb li f'dawk is-snin tal-Gwerra (1940 - 1946) dawn is-santi ġew stampati hawn Malta u bla kulur. Wieħed ma jridx jinsa li l-Italja kienet fil-gwerra kontra Malta, allura x'aktarx li l-patrijottiżmu deher ukoll f'dawn is-Santi tal-Preċett.

Mill-1947 sa l-aħħar tas-Sittinijiet nistgħu ngħidu li dawn is-Santi żammew l-istess stil u forma, ħafna drabi juru l-figura ta' Ġesù jqarben lit-tfal. Kien imbagħad fis-Sebgħinijiet li rajna Santi b'forma għal kollox moderna, bil-figura ta' Ġesù trasmessa permezz ta' Simboli u s-Sagrament ta' l-Ewkaristija taħt il-forom ta' qamħ, ħobż u għeneb. Għall-ewwel darba wkoll f'dawk tas-snin disgħin ġew miżjuda fihom siltiet mill-Evanġelju, meħudin mill-kliem ta' Ġesù stess.

Dawn is-Santi jifformaw parti mill-istorja tal-Parroċċa tagħna tal-Mellieħa. Kopja ta' madwar 25 Santa differenti ġa jinsabu merfugħin fl-Arkivju tal-Parroċċa. Żgur li għad baqa' ħafna Santi oħra għand il-familji Melleħin li ma għandniex bħalhom. Min għandu minnhom u jixtieq jislifhom lill-Parroċċa ħa nagħmlu kopja jkun qed jgħinna nkomplu nkabbru l-Wirt Storiku u Ekkleżjastiku tagħna.

Il-Kappillan u l-Kleru kollu tal-Parrocca jawguraw il-Festa t-Tajba lil kulhadd.

**L-isbaħ ġieħ u mħabba li aħna nistgħu nuru lejn Marija Bambina huwa dan:**

- Li nieħdu sehem sħiħ u attiv fil-funzjonijiet tal-Knisja.
- Li nisimgħu l-Kelma t'Alla dwar il-virtujiet tal-Madonna.
- Li nersqu lkoll kemm aħna għas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin.


TIFKIRA GĦAŻIŻA
ta' mrta
għamlet L-EWWEL TQARBINA
Fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa
Il-Kappillan






IHS


RICORDO DELLA PRIMA COMUNIONE


TIFKIRA tal-EWWEL TQARBINA
MELLIEHA
KAPPILLAN


IHS


This is the bread that came from heaven.
received
First Holy Communion
on the
day of
Pastor


REMEMBRANCE OF FIRST HOLY COMMUNION
Pastor


He who receives Me will live.
received
First Holy Communion
on the
day of
in
Pastor


Jiena
irċivejt għall-ewwel darba
s-Sagrament
ta'
l-Ewkaristija Mqaddsa
nhar
minn idejn
Kappillan


Tifkira
ta'
l-Ewwel
Tqarbina
ta'
fil-Parroċċa ta'
nhar
Kappillan